KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 1.6.2005
KUMM(2005) 224 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI.

Non-diskriminazzjoni u opportunitajiet ugwali għal kulħadd – Qafas ta' Strateġija

{SEG(2005) 689}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI.

Non-diskriminazzjoni u opportunitajiet ugwali għal kulħadd – Qafas ta' Strateġija

(Test b'relevanza għall-EEA)

1. INTRODUZZJONI – IL-KUNTEST TAL-POLITIKA

L-Unjoni Ewropea hi impenjata li tippromwovi d-drittijiet fundamentali, n-non-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd.

Għal ħafna snin, l-UE kienet minn ta' quddiem nett sabiex taffronta d-diskriminazzjoni sesswali u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Aktar reċentement, ħadet azzjoni sabiex tipproteġi lin-nies mid-diskriminazzjoni fuq bażi ta' oriġini etnika jew razzjali, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali.

Dawn l-isforzi taw ir-riżultati, inkluż l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni anti-diskriminatorja mill-aktar komprensiva u ta' firxa wiesgħa fid-dinja. Madanakollu, aktar azzjoni hi meħtieġa sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva u l-infurzar ta' dan il-qasam legali. Karatteristiċi personali bħalma huma s-sess, l-etniċità, l-età, l-orjentazzjoni sesswali jew id--diżabilità jkomplu jimpedixxu lil xi uħud milli jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Id-diskriminazzjoni tħassar il-ħajja ta' l-individwu. Hi ħażina wkoll għall-ekonomija u għas-soċjetà in ġenerali. Aktar minn hekk, iddgħajjef il-kunfidenza fil-valuri fundamentali Ewropej ta' l-ugwaljanza u l-istat ta' dritt kif ukoll l-appoġġ għalihom.

It-tneħħija b'mod effettiv ta' l-ostakoli għall-impjegar, taħriġ u opportunitajiet oħra hi vitali. Fil-fatt ikun diffiċli għall-UE li tikseb il-miri ambizzjuži li ffissat għaliha nfisha għat-tkabbir ekonomiku u fl-impjiegi jekk xi wħud ikunu esklużi mill-impjiegi u milli jiksbu aktar fuq bażi ta' sess, diżabilità, razza, età jew bażijiet oħra. Il-bżonn ta' ġlieda lid-diskriminazzjoni u li jkunu integrati gruppi żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol hu rinforzat mill-isfidi demografiċi li qed taffaċċja l-UE, li se tara l-popolazzjoni tan-nies li huma ta' età li jistgħu jaħdmu tonqos b'aktar minn 20 miljun fil-25 sena li ġejjin.

Jidher ċar li l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni anti-diskriminazzjoni fuq livell individwali mhix biżżejjed sabiex ikunu affaċċjati l-inugwaljanzi kbar esperjenzati minn xi gruppi u li għandhom għeruq fondi u kumplessi. Hemm bżonn li wieħed imur lil hinn mill-politiki anti-diskriminatorji ddisinjati biex jipprevjenu t-trattament inugwali ta' l-individwi. L-UE għandha tirrinforza l-isforzi tagħha sabiex tippromwovi l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd, taffaċċja l-barrieri strutturali li jridu jaffaċċjaw l-immigranti, l-minoranzi etniċi, d-diżabbli, il-ħaddiema avvanzati fl-età u dawk żgħar fl-età u gruppi vulnerabbli oħra.

L-UE għandha esperjenza twila sabiex taffaċċja d-diskriminazzjoni sesswali u tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-UE se tkompli tiżviluppa miżuri speċifiċi f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni reċentement ipproponiet li jkun stabbilit Istitut Ewropew ġdid għall-Ugwaljanza tas-Sessi biex jappoġġa lill-istituzzjonijiet ta' l-UE u lill-Istati Membri sabiex jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jikkumbattu d-diskriminazzjoni sesswali[1]. Il-Kummissjoni

[1] COM(2005) 81 tat-8.3.2005.

qed tipproponi li sa l-2006 tressaq il-proposti għall-insegwiment tal-Qafas għal Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, li hemm bħalissa (2001-2005). Dik il-Komunikazzjoni se tikkostitwixxi l-bażi ta' l-attivitajiet futuri fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi.

B'żieda ma' dan, l-UE għandha tikkunsidra kif l-esperjenza tagħha fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bejn is-sessi u l-promozzjoni tad-drittijiet bejn is-sessi jistgħu jiġu trasferiti għal bażijiet oħra ta' diskriminazzjoni. Skond il-prinċipju tal-*mainstreaming* tas-sessi, għandha tieħu kont tal-modi differenti li bihom in-nisa u l-irġiel jesperjenzaw id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' oriġini etnika jew razzjali, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. F'xi oqsma, jista' jkun adatt li jkun ikkunsidrat l-iżvilupp ta' metodu integrat għall-promozzjoni tan-non-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan il-metodu integrat għandu jieħu kont tal-fatt li xi nies jistgħu jesperjenzaw għadd ta' diskriminazzjonijiet fuq bażijiet differenti.

B'żieda ma' l-implimentazzjoni tal-politiki sabiex tkun affaċċjata d-diskriminazzjoni u jkunu promossi l-opportunitajiet ugwali, l-UE se tkompli tippromwovi attivitajiet speċifiċi skond il-pjan ta' azzjoni multi-annwali fil-qasam tad-diżabilitajiet propost mill-Kummissjoni Ewropea fl-2003[2]. L-ewwel rapport biannwali ta' l-UE dwar is-sitwazzjoni tan-nies bid-diżabilitajiet se jkun ippubblikat f'Diċembru ta' l-2005.

2. NIRRISPONDU GĦAT-THASSIB TAL-PARTIJIET INTERESSATI - RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONI DWAR IL-*GREEN PAPER*

Din il-Komunikazzjoni tkompli fuq il-*Green Paper* dwar *L-Ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni f'UE mkabbra* adottata mill-Kummissjoni Ewropea fit-28 ta' Mejju 2004[3]. Din tieħu kont tal-kummenti u r-reazzjonijiet sottomessi mill-awtoritajiet nazzjonali, korpi speċjalizzati ta' ugwaljanza, organizzazzjonijiet non-governattivi, awtoritajiet reġjonali u lokali, l-imsieħba soċjali, esperti u membri individwali tal-pubbliku. (B'kollox, waslu aktar minn 1500 kontribuzzjoni.)

Il-konsultazzjoni kkonfermat il-livell għoli ta' interess u appoġġ għal azzjoni ta' l-UE f'dan il-qasam, kif ukoll għal azzjoni speċifika sabiex tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi. Maġġoranza assoluta ta' dawk li rrispondew ikkunsidraw li l-Unjoni għandha tirrinforza l-isforzi tagħha sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali wara t-tkabbir.

L-eżerċizzju ta' konsultazzjoni ssottolinja l-bżonn ta' aktar azzjoni sabiex ikun immassimizzat l-impatt tal-leġiżlazzjoni anti-diskriminazzjoni tal-KE. Dan inkluda azzjoni sabiex jintemm il-proċess ta' inseriment fil-liġi nazzjonali, kif ukoll li titqajjem kuxjenza. Uħud minn dawk li rrispondew issottolineaw il-bżonn ta' miżuri addizzjonali sabiex jikkumplimentaw il-qafas legali kurrenti, inkluż il-possibbiltà ta' aktar leġiżlazzjoni tal-KE bbażata fuq l-Artikolu 13 tat-Trattat tal-KE. Oħrajn ħassu li dan kien prematur u ssottolineaw il-bżonn li jittieħed kont tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif ukoll li jintiżnu l-ispejjeż ekonomiċi potenzjali u l-benefiċċji ta' aktar azzjoni leġiżlattiva.

Kien hemm appoġġ kbir għal aktar azzjoni fil-qasam tal-ġbir tad-*data*, sabiex jitjieb is-sinifikat tad-diskriminazzjoni u biex ikunu jistgħu jiġu ddisinjati u mmonitorjati politiki

---

[2] Opportunitajiet ugwali għal nies bid-diżabilità – Pjan ta'Azzjoni Ewropew COM(2003) 65 tat-30.10.2003.

[3] COM(2004) 379. It-Test tal-*Green Paper* u d-dettalji tal-kontribuzzjonijiet li waslu huma disponibbli f'dan l-indirizz: http://europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/policy/aneval/green_en.htm

effettivi f'dan il-qasam. Madanakollu, kien hemm tħassib rigward il-bżonn li tkun protetta l-privatezza personali u sabiex tingħata attenzjoni rigward liema *data* għandha tinġabar u kif għandha tkun proċessata.

Il-maġġoranza l-kbira tar-risposti li waslu bil-miktub għall-*Green Paper* issottolineaw il-valur miżjud ta' l-iffinanzjar ta' l-UE għall-appoġġ ta' l-iżvilupp tal-politika u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni anti-diskriminazzjoni. It-tliet prijoritajiet ewlenin identifikati għall-iffinanzjar ta' l-UE fil-futur kienu għall-informazzjoni u sabiex titqajjem kuxjenza, analiżi u monitorjar ta' l-impatt tal-leġiżlazzjoni anti-diskriminazzjoni u netwerking bejn gruppi involuti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Ir-risposti ssottolineaw ukoll l-importanza li jkunu involuti l-partijiet interessati rilevanti kollha fl-iżvilupp tal-politika fuq livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali.

Il-*Green Paper* tissottolinea numru ta' oqsma oħra ta' politika ta' l-UE, li jistgħu jagħtu kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni. Ir-risposti għall-*Green Paper* dehru li rriflettew li qed jitfaċċa kunsens li jkun utli li jingħata bidu sabiex kunsiderazzjonijiet dwar ugwaljanza u non-diskriminazzjoni jsiru dominanti f'firxa wiesgħa ta' politiki ta' l-UE.

Kien hemm ftehim wiesa' li l-UE għandha tippromwovi sforzi konġunti sabiex tkun promossa l-ugwaljanza u tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fuq il-bażijiet kollha stipulati fl-Artikolu 13 tat-Trattat tal-KE. Madankollu, dawk li rrispondew issottolineaw ukoll il-bżonn li jinżamm punt fokali speċifiku fuq il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi.

3. QAFAS TA' STRATEĠIJA GĦAN-NON-DISKRIMINAZZJONI U OPPORTUNITAJIET UGWALI

3.1. Niżguraw protezzjoni legali effettiva kontra d-diskriminazzjoni

Għaddew kważi ħames snin mill-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-KE[4] li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni diretta u indiretta fuq bażi ta' oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali. Iż-żewġ Direttivi adottati fl-2000 ikkumplimentaw il-korp konsiderevoli ta' liġi tal-KE fil-qasam tad-diskriminazzjoni sesswali. Id-Direttivi inkludew definizzjonijiet dettaljati ta' diskriminazzjoni diretta u indiretta, kif ukoll ta' fastidju. Indikaw ukoll li, f'numru limitat ta' ċirkostanzi, jista' jkun leġittimu li jsiru ċerti eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' trattament ugwali.

L-aħħar ftit snin raw tibdil sinifikanti fil-liġi nazzjonali madwar l-UE bħala riżultat dirett tal-leġiżlazzjoni anti-diskriminazzjoni tal-KE. Madankollu, il-Kummissjoni hi mħassba minħabba li nnutat li xi dispożizzjonijiet importanti għadhom ma ġewx inseriti b'mod sħiħ fil-liġi nazzjonali fl-Istati Membri kollha.

In-nuqqas ta' Korpi ta' Ugwaljanza effettivi u b'riżorsi xierqa, li kapaċi jagħtu assistenza indipendenti lill-vittmi, f'xi Stati Membri hi partikularment preokkupanti. Ta' tħassib ukoll hi n-nuqqas ta' attenzjoni li qed tingħata lid-disseminazzjoni ta' l-informazzjoni dwar drittijiet ġodda ta' anti-diskriminazzjoni. Hu ferm diffiċli għall-vittmi tad-diskriminazzjoni li jinfurzaw id-drittijiet tagħhom mingħajr informazzjoni u għajnuna speċjalizzata.

---

[4] Direttiva 2004/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 180 tad-19.7.2000, p 22) li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini etnika jew razzjali u d-Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 (ĠU L 303 tat-2.12.2000 p.16) li tistabbilixxi qafas ġenerali għat-trattament ugwali fix-xogħol u l-karigi.

Il-Kummissjoni diġà nediet proċeduri tal-ksur kontra numru ta' Stati Membri u se tkompli tagħmel monitorjar tal-progress mill-viċin ta' l-inseriment. Il-Kummissjoni jmissha tagħmel rapport fl-2006 dwar l-istat ta' l-inseriment tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE inkluż, jekk neċessarji, proposti biex jirrevedu u jaġġornaw id-Direttivi.

Jidher ċar li, b'żieda ma' l-inseriment leġiżlattiv, aktar miżuri se jkomplu jkunu meħtieġa għal xi żmien sabiex ikun żgurat li l-leġiżlazzjoni anti-diskriminazzjoni tkun implimentata b'mod effettiv u infurzata madwar l-UE. Oqsma li huma ta' prijorità għall-azzjoni jinkludu:

- Taħriġ immirat u bini tal-kapaċitajiet ta' azzjonijiet għal korpi ta' ugwaljanza speċjalizzati, imħallfin, avukati, NGOs u msieħba soċjali
- Netwerking u skambji ta' l-esperjenza bejn il-partijiet interessati relevanti
- U li titqajjem kuxjenza u tkun disseminata l-informazzjoni rigward id-dispożizzjonijiet ta' liġi anti-diskriminazzjoni Ewropea u nazzjonali.

Sabiex ikunu effettivi, tali miżuri jkunu jeħtieġu sforzi konċentrati mill-partijiet interessati kollha rilevanti fuq livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali. L-appoġġ ta' l-UE jkun disponibbli, fejn adatt, permezz ta' programm ta' azzjoni tal-Komunità sabiex jikkumbatti d-diskriminazzjoni u, wara l-2007, permezz tal-programm PROGRESS.

Aktar minn hekk, il-Kummissjoni tittama li l-Kunsill ikun kapaċi malajr jilħaq ftehim fuq il-proposta tiegħu ta' l-2001 għal Qafas ta' Deċiżjoni li jistabbilixxi standards komuni sabiex jikkumbattu l-kriminalità razzjali, inkluż l-anti-Semitiżmu u offiżi kontra minoritajiet reliġjużi.

Inizjattivi oħra meħuda mill-UE jikkumplimentaw il-qafas legali fil-qasam ta' l-anti diskriminazzjoni billi joħolqu aktar kundizzjonijiet favorevoli għal dawk li jistgħu jkunu esposti għad-diskriminazzjoni jew żvantaġġjati b'mod ieħor. Dawn l-inizjattivi jinkludu leġiżlazzjoni ta' l-UE li tistabbilixxi d-drittijiet ta' residenti li ilhom numru ta' snin, minn pajjiżi terzi[5], kif ukoll leġiżlazzjoni li testendi r-regoli ta' l-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali lil nazzjonali ta' pajjiżi terzi[6].

✓ Rapport annwali komprensiv dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-inseriment tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE (grupp ta' esperti legali),

✓ Il-Pubblikazzjoni kmieni fl-2006 tar-rapporti tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament li janalizzaw l-istat ta' l-inseriment tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE,

✓ Iffinanzjar ta' l-UE għall-miżuri akkompanjattivi permezz ta' programm ta' azzjoni tal-Komunità li jikkumbatti d-diskriminazzjoni u, wara l-2007, permezz ta' PROGRESS.

3.2. L-assessjar tal-bżonn ta' aktar azzjoni biex tikkumplimenta l-qafas legali kurrenti

Taħt il-qafas legali kurrenti tal-KE, id-diskriminazzjoni razzjali hi pprojbita fl-oqsma tax-xogħol, taħriġ, edukazzjoni, protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali u aċċess għall-aċċess ta' l-oġġetti u s-servizzi (Direttiva 2000/43/KE). L-iskop tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, età, diżabilità u orjentazzjoni sesswali hu limitat għax-xogħol, kariga u taħriġ vokazzjonali (2000/78/KE). Id-Direttiva 2004/113/KE testendi

[5] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 rigward l-istatus ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi li ilhom residenti numru ta' snin. *Ġurnal Uffiċjali* L 0 16, 23.1.2004, p.0044-0053.

[6] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 ta' l-14 ta' Mejju 2003, ĠU L 124 ta' l-20 ta' Mejju 2005.

protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni sesswali fil-qasam ta' l-oġġetti u servizzi, imma mhux għal ċerti oqsma oħra koperti bid-Direttiva 2000/43/KE.

Il-Kummissjoni tagħraf it-talbiet minn ċerti partijiet interessati sabiex tieħu azzjoni li tindirizza d-differenzi fil-livell u l-iskop tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fuq bażijiet differenti. Minħabba l-bżonn għal sforzi addizzjonali biex jiżguraw il-funzjonar kif suppost tal-qafas legali eżistenti, kif ukoll il-preokkupazzjonijiet ekonomiċi u politiċi f'uħud mir-risposti għall-konsultazzjoni dwar il-*Green Paper*, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix qed tipproponi li tressaq aktar proposti leġiżlattivi bbażati fuq l-Artikolu 13 tat-Trattat.

Madankollu, l-Kummissjoni sa tagħmel studju dettaljat dwar ir-relevanza u l-possibbiltà ta' miżuri ġodda possibbli biex jikkumplimentaw il-qafas legali kurrenti. Dan l-istudju jeżamina d-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jmorru lil hinn mill-kundizzjonijiet tad-Direttivi tal-KE, fi Stati Membri u f'xi pajjiżi terzi. Se tikkunsidra il-meriti relattivi tal-miżuri leġiżlattivi u dawk non-leġiżlattivi. Se tipproduċi wkoll sinteżi ta' l-analiżi spiża/benefiċċju ta' għażliet differenti ta' politika li ssir fuq livell nazzjonali. Ir-riżultati ta' l-istudju jkunu disponibbli fil-ħarifa ta' l-2006. Fuq il-bażi ta' dan il-materjal, il-Kummissjoni se tassessja l-possibbiltà ta' inizjattivi ġodda possibbli sabiex jikkumplimentaw il-qafas legali kurrenti.

✓ L-istudju ta' possibbiltà se jikkonċerna inizjattivi ġodda possibbli biex jikkumplimentaw il-qafas legali kurrenti

3.3. In-non-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd għandhom isiru xejra dominanti

Il-leġiżlazzjoni anti-diskriminazzjoni tiddependi b'mod qawwi mir-rieda u l-kapaċità ta' l-individwi żvantaġġjati li jidħlu f'litigazzjoni kumplessa ma' l-avversarji. Il-protezzjoni legali tad-drittijiet individwali tidher b'mod ċar li hi importanti, u każijiet li jattiraw l-attenzjoni ta' kulħadd jgħinu sabiex maż-żmien iġibu bidla soċjali u kulturali.

Madanakollu, huwa diffiċli għal-leġiżlazzjoni waħedha li taffronta x-xejriet kumplessi u b'għeruq fondi ta' inugwaljanza esperjenzati minn xi gruppi. Il-miżuri pożittivi jistgħu jkunu neċessarji biex jikkumpensaw għal inugwaljanzi li ilhom jeżistu u li jridu jaffaċċaw ċertu gruppi ta' nies li, storikament, ma kellhomx aċċess għal opportunitajiet ugwali.

L-esperjenza ta' l-UE fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi tissuġġerixxi b'mod qawwi li l-ħarsien tad-drittijiet individwali irid ikun appoġġjat b'miżuri oħra sabiex iġibu bidla fit-tul u jippromwovu opportunitajiet ugwali ġenwini għal kulħadd. Dan huwa kkonfermat mill-esperjenzi ta' l-Istati Membri li digà għandhom għadd ta' snin jew, f'xi każijiet, għexieren ta' snin ta' esperjenza fl-implimentar tal-legiżlazzjoni nazzjonali anti-diskriminatorja.

Fil-qasam tas-sessi, ibbażat fuq l-Artikolu 3.2 tat-Trattat tal-KE, dan wassal għall-iżvilupp tal-prattika tal "*mainstreaming*"[7] l-għan tal-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-politiki relevanti kollha ta' l-UE. L-UE għandha wkoll esperjenza fl-iżvilupp ta' metodu

[7] *Gender mainstreaming* huwa deskritt f'COM(96) 67 bħala "L-integrazzjoni sistematika tas-sitwazzjonijiet rispettivi, prijoritajiet u bżonnijiet tan-nisa u l-irġiel fil-politiki kollha u bil-għan li tkun promossa l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u li jkunu mobilizzati l-politiki u l-miżuri kollha ġenerali speċifikament bl-iskop li tinkiseb ugwaljanza billi b'mod attiv u miftuħ jittieħed kont fl-istadju ta' l-ippjanar, ta' l-effett tagħhom fuq is-sitwazzjoni rispettiva tan-nisa u ta' l-irġiel".

ta' *mainstreaming* in konnessjoni mal-ġlieda lir-razziżmu[8] u l-promozzjoni ta' l-integrazzjoni tan-nies bid-diżabilitajiet[9].

Soġġett għar-ratifika, it-Trattat ta' Kostituzzjoni għall-Ewropa, fl-Artikolu III-118, jista' jipprovdi bażi ġdida għall-iżvilupp ta' metodu ta' *mainstreaming* għall-bażijiet kollha ta' diskriminazzjoni koperti bl-Artikolu 13 preċedenti tat-Trattat tal-KE. Ta' min jinnota f'dan ir-rigward l-Artikolu II-111 tat-Trattat Kostituzzjonali, li jirriafferma li d-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (inkluż in-non-diskriminazzjoni) għandhom ikunu rrispettati mill-istituzzjonijiet ta' l-UE, kif ukoll mill-Istati Membri meta jimplimentaw il-liġi ta' l-UE.

Il-Kummissjoni kkommettiet lilha nfisha li tiżgura li l-proposti leġiżlattivi u regolatorji ta' l-UE huma konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Karta ta' l-UE tad-Drittijiet Fundamentali[10]. Dan l-"iskrinjar" se jitmexxa permezz ta' "l-assessjar ta' l-impatt" li jridu jgħaddu minnu l-proposti l-ġodda kollha qabel ma jiġu adottati mill-Kummissjoni. Metodoloġija għall-monitorjar tal-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ġiet stabbilita f'Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni [11].

Barra li jipprovdu aktar viżibilità u koerenza, l-*mainstreaming* u l-iżvilupp tal-metodu integrat għandhom jgħinu sabiex ikun hemm konċentrazzjoni fuq dawk li jesperjenza għadd ta' diskriminazzjonijiet, kif ukoll fuq il-benefiċċji pożittivi tal-promozzjoni ta' l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd.

✓ L-iżvilupp ta' għodod sabiex jippromwovu n-non-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet ugwali bħala xejra prinċipali għall-politiki kollha relevanti ta' l-UE.

✓ Rapporti biannwali dwar is-sitwazzjoni ta' nies bid-diżabbiltajiet (l-ewwel rapport fl-2005).

3.4. Promozzjoni u tagħlim mill-innovazzjoni u l-prattika tajba

F'konformità mal-metodu tal-*mainstreaming* imsemmi f'sezzjoni 3.3, il-Kummissjoni Ewropea se timmira li tiżgura li firxa ta' strumenti ta' ffinanzjar ta' l-UE jikkontribwixxu għall-promozzjoni tan-non-diskriminazzjoni u opportunitajiet ugwali għal kulħadd. B'mod partikolari, se tfittex li tippromwovi l-iskambju ta' prattiki, kooperazzjoni u netwerking tajbin bejn l-awtoritajiet nazzjonali, korpi ta' ugwaljanza speċjalizzati, organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-vittmi tad-diskriminazzjoni, u partijiet oħra interessati.

Billi jibni fuq il-metodi innovattivi sabiex jipprevjeni d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol żviluppati permezz ta' l-Inizjattiva tal-Komunità EQUAL[12], il-Fond Soċjali Ewropew għandu jkollu rwol aktar importanti f'dan il-qasam. Il-proposti tal-Kummissjoni għall-assistenza mill-Fond Soċjali Ewropew matul dan il-perjodu ta' programmar 2007-2013 jinkludu punt fokali speċifiku fuq ir-rinfurzar ta' l-inklużjoni soċjali ta' nies li huma fi żvantaġġ u kumbattiment kontra d-diskriminazzjoni[13].

Il-programm PROGRESS[14] se jikkumplimenta x-xogħol ta' l-FSE fl-oqsma ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-anti-diskriminazzjoni billi jiffinanzja studji, iqajjem kuxjenzi, skambjar ta'

---

8 Pjan ta'Azzjoni Kontra r-Razziżmu, COM(1998) 183 tal-25.3.98.

9 Opportunitajiet ugwali għal nies bid-diżabilità – Pjan ta'Azzjoni Ewropew, COM(2003) 650 tat-30.10.2003.

10 SEC(2001) 380.

11 COM(2005) 172 tas-27.4.2005.

12 http://europa.eu.int/comm/employment_social/equal/index_en.cfm

13 COM(2004) 493 ta' l-14.7.2004

14 COM(2004) 488 ta' l-14.7.2004

prattiki tajba, netwerking, monitorjar u evalwazzjoni. Il-proposta PROGRESS ħadet kont tal-lezzjonijiet li nkisbu permezz tal-programmi ta' azzjoni tal-Komunità biex jikkumbattu d-diskriminazzjoni[15] u jippromwovu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi[16].

Billi jkomplu fuq il-passi tal-Programmi Socrates, Leonardo u Youth kurrenti, il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi[17] fil-qasam ta' l-edukazzjoni, taħriġ u żgħażagħ jistgħu jagħtu kontribuzzjoni siewja lill-promozzjoni tan-non-diskriminazzjoni u opportunitajiet ugwali għal kulħadd. Hemm ukoll oqsma li jistgħu jibbenefikaw minn aktar riċerka komparattiva u studji fil-qasam tas-sitt u seba' oqfsa ta' programmi ta' riċerka[18] ta' l-UE. L-appoġġ finanzjarju ta' l-UE fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u l-kenn politiku, inklużi Fond Ewropew għar-Refuġjati u l-programmi INTI u ARGO, jistgħu jgħinu jappoġġaw l-isforzi sabiex tkun affrontata d-diskriminazzjoni u jkunu promossi opportunitajiet ugwali għal kulħadd[19].

It-titjib tal-ġbir tad-*data* relatata mad-diskriminazzjoni jkun essenzjali għall-monitorjar ta' l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni anti-diskriminazzjoni tal-KE. Il-Kummissjoni se taħdem ma' l-awtoritajiet nazzjonali u partijiet interessati oħra biex tiżviluppa għodda statistiċi aħjar biex jevalwaw l-okkorrenza tad-diskriminazzjoni. Se tippubblika manwal li jistabbilixxi gwida prattika dwar il-ġbir tad-*data* relatata mad-diskriminazzjoni fl-2006.

Mit-twaqqif tiegħu fl-1997, iċ-Ċentru tal-Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC)[20] kellu rwol importanti biex jappoġġa sforzi mill-UE u l-Istati Membri sabiex jikkumbattu r-razziżmu u l-ksenofobija. Billi tibni fuq ix-xogħol ta' l-EUMC, il-Kummissjoni dalwaqt se tressaq proposti biex tistabbilixxi Aġenzija ġdida tad-Drittijiet Fundamentali. Ix-xogħol ta' l-Aġenzija hu mistenni li jkun il-ġbir ta' l-informazzjoni u d-*data* li tirrigwarda firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, pariri lil dawk li jfasslu l-politika, kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u li tqajjem kuxjenza.

✓ Evalwazzjoni indipendenti tal-programm ta' Azzjoni tal-Komunità biex jikkumbatti d-diskriminazzjoni (2005).

✓ Pubblikazzjoni tal-Manwal għall-ġbir tad-*data* relatata mad-diskriminazzjoni (2006).

3.5. Inżidu l-kuxjenza u nikkooperaw mal-partjiet interessati

Sabiex tmexxi 'l quddiem l-aġenda msemmija f'din il-Komunikazzjoni għal metodu aktar pożittiv sabiex tinkiseb l-ugwaljanza, il-Kummissjoni qed tipproponi li s-sena 2007 tkun is-Sena Ewropew għall-Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd. Is-Sena Ewropea se tgħin sabiex titqajjem kuxjenza, tiffoka attenzjoni politika u jkunu mobilizzati l-partijiet interessati ewlenin. Is-sena se tiffoka fuq erba' objettivi ewlenin li huma ta' prijorità:

- Drittijiet
- Għarfien
- Rappreżentazzjoni
- Rispett

---

15 http://europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/policy/prog_en.htm
16 http://europa.eu.int/comm/employment_social/equ_opp/fund_en.html
17 COM(2004) 474 u COM(2004) 471ta' l-14.7.2004.
18 http://europa.eu.int/comm/dgs/research/index_en.html
19 http://europa.eu.int/comm/justice_home/funding/intro/funding_intro_en.htm
20 http://eumc.eu.int/eumc/index.php

Is-Sena se jkollha l-għan li: tinforma lin-nies bid-drittijiet tagħhom biex tipproteġihom kontra d-diskriminazzjoni taħt il-liġi Ewropea u nazzjonali; tiċċelebra d-diversità bħala assi għall-Ewropa; u tippromwovi l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd fil-ħajja ekonomika, soċjali, politika u kulturali. Il-kumplimentarità u l-koordinazzjoni mas-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali fl-2008 se jkun partikularment relevanti, sabiex ikun żgurat li s-Sentejn ikunu reċiprokament appoġġjattivi fit-termini ta' l-iskop tagħhom u li l-azzjonijiet ikunu appoġġati. Fejn ikun relevanti, uħud mit-temi u messaġġi ewlenin tas-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd jistgħu jiġu mgħoddija għas-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali.

Il-Kummissjoni hi konvinta bil-bżonn li jiġu involuti l-partijiet interessati kollha fuq livell Ewropew u nazzjonali li huma relevanti sabiex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni madwar l-UE. Qed tipproponi, għalhekk, li torganizza kull sena, "Laqgħa għall-Ugwaljanza" fuq livell għoli li tinvolvi Ministri, kapijiet ta' Korpi ta' Ugwaljanza, Presidenti ta' NGOs fuq livell Ewropew, u msieħba soċjali Ewropej u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali. Din il-laqgħa għall-Ugwaljanza ssir għall-ewwel darba kmieni fl-2007, sabiex tikkonċidi mat-tnedija tas-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd.

Il-Kummissjoni hi partikolarment ħerqana li taħdem ma' min iħaddem sabiex tinkoraġġixxi u tappoġġa l-iżvilupp tan-non-diskriminazzjoni u politiki ta' diversità fuq il-postijiet tax-xogħol. Il-Kummissjoni Ewropea, minħabba li hi stess timpjega lin-nies, hi konxja ħafna ta' l-isfidi li jinbtu mill-iżvilupp ta' politika effettiva li tikkumbatti d-diskriminazzjoni u tippromwovi l-opportunitajiet ugwali. Bħalissa qed timplimenta ir-Raba' Programm ta' Azzjoni għall-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u għall-Irġiel fil-Kummissjoni Ewropea, u aktar reċentement nediet inizjattivi speċifiċi sabiex tippromwovi x-xogħol tan-nies bid-diżabilitajiet u ta' minoritajiet etniċi.

✓ Is-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd (2007).

✓ Kull sena, Laqgħa għall-Ugwaljanza fuq Livell Għoli li ġġib flimkien lill-partijiet interessati ewlenin.

3.6. Sforza speċjali sabiex jiġu affrontati d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali affaċċjati minn xi minoritajiet etniċi

Waħda mill-isfidi ewlenin li qed taffaċċja Unjoni Ewropea mkabbra hi l-bżonn li jkun żviluppat metodu koerenti u effettiv għall-integrazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol tal-minoritajiet etniċi. It-tkabbir żied id-diversità ta' l-UE f'termini ta' kultura, lingwa u etniċità. Din it-tendenza mistennija li tkompli bl-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-2007, kif ukoll il-ftuħ tan-negozjati għas-sħubija tal-Kroazja u t-Turkija li huma diġà ppjanati.

Kwistjoni ta' tħassib partikolari hi s-sitwazzjoni tar-Roma. Il-Kummissjoni repetittivament issottolineat il-kundizzjonijiet diffiċli li jkollhom jaffaċċjaw il-komunitajiet tar-Roma fl-Istati Membri, pajjiżi kandidati u pajjiżi li se jissieħbu. Ammonti sostanzjali ta' assistenza finanzjarja kienu pprovduti mill-baġit ta' l-UE, inkluż aktar minn €100 miljun permezz tal-programm PHARE għal proġetti speċifiċi mmirati għar-Roma. Madanakollu, ir-Roma jkomplu jesperjenzaw b'mod partikolari forom ta' esklużjoni u diskriminazzjoni fl-edukazzjoni, xogħol, djar, saħħa u oqsma oħra. Aktar minn hekk, l-UE għandha bżonn tiżviluppa rispons adatt għall-bżonnijiet differenti ta' l-emigranti l-ġodda, minoritajiet stabbiliti li kienu oriġinalment immigranti u gruppi oħra minoritarji.

Firxa wiesgħa ta' politiki ta' l-UE u strumenti ta' ffinanzjar eżistenti jistgħu jgħinu jappoġġaw l-isforzi ta' l-awtoritajiet nazzjonali u s-soċjetà ċivili sabiex jippromwovu l-integrazzjoni tal-minoritajiet. L-isfida għall-futur se tkun sabiex ikunu promossi sforzi konċentrati mill-partijiet

interessati relevanti kollha sabiex ikunu massimizzati l-impatt u l-effettività ta' dawn l-istrumenti.

Il-leġiżlazzjoni anti-diskriminazzjoni tal-KE tipprojbixxi d-diskriminazzjoni diretta u indiretta fuq il-bażi ta' oriġini razzjali jew etnika, kif ukoll ta' reliġjon. Fil-kuntest ta' l-Istrateġija Ewropea tax-Xogħol, l-Istati Membri qed ikunu nkuraġġiti li jiżviluppaw miżuri sabiex jippromwovu l-integrazzjoni tal-minoritajiet fis-suq tax-xogħol fil-qafas tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom. Il-metodu miftuħ ta' l-UE tal-koordinazzjoni dwar l-inklużjoni soċjali jolqot ukoll il-faqar u l-esklużjoni li huma esperjenzati minn xi minoritajiet etniċi, emigranti u gruppi oħra żvantaġġjati. L-appoġġ finanzjarju ta' l-UE huwa disponibbli għal dawn l-isfidi permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, inkluż l-Inizjattiva tal-Komunità EQUAL.

Sabiex ikun appoġġjat l-iżvilupp tal-politika f'dan il-qasam, il-Kummissjoni qed tippjana li tistabbilixxi grupp ta' pariri fuq livell għoli dwar l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-minoritajiet. Dan il-grupp, li għandu jiltaqa' għall-ewwel darba kmieni fl-2006, se jġib flimkien numru limitat ta' personalitajiet prominenti mid-dinja tal-politika, negozju, soċjetà ċivili u mill-komunità internazzjonali.

✓ Grupp ta' Pariri fuq Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni fis-Suq tax-Xogħol u Soċjali tal-Minoritajiet.

3.7. It-tkabbir, relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u l-kooperazzjoni internazzjonali

Fil-kuntest tat-tkabbir ta' l-UE, il-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi r-rispett u l-protezzjoni tal-minoritajiet, huma parti integrali minn dawk hekk imsejħa "kriterji politiċi" għas-sħubija fl-UE. Dawn il-prinċipji huma ċentrali għall-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni ta' l-UE mal-pajjiżi li se jissieħbu u l-pajjiżi kandidati (il-Bulgarija, ir-Rumanija, it-Turkija u l-Kroazja) kif ukoll għall-proċess ta' assoċjazzjoni u stabbiltà ma' pajjiżi oħra bħall-Balkani tal-Punent (l-Albanija, l-Bożnija & l-Herzegovina, YYROM, s-Serbja u l-Montenegro). Barra minn hekk, Stati Membri futuri huma obbligati li jikkonformaw ma' l-*acquis* leġiżlattiv ta' l-UE fil-qasam tan-non-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet ugwali.

L-istrumenti finanzjarji[21] kurrenti u futuri ta' qabel l-adeżjoni se jkomplu jipprovdu ffinanzjar ta' l-UE sabiex jippromwovu n-non-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet ugwali f'pajjiżi li qed jippreparaw għas-sħubija ma' l-UE. L-iffinanzjar ta' l-UE huwa għodda prinċipali għall-iżvilupp tal-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva neċessarji għall-implimentazzjoni ta' l-*acquis* ta' l-UE.

Il-preokkupazzjonijiet dwar l-anti-diskriminazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem huma riflessi wkoll fil-Politika ta' l-UE dwar il-Ġirien u fl-ewwel fażi tal-Pjanijiet ta' Azzjoni li jkopru r-relazzjonijiet mal-Ġordan, il-Moldova, il-Marokk, it-Tuneżija, l-Ukraina, l-Iżrael, u l-Awtorità Palestinjana. Il-Ftehim ta' Cotonou tat-23 ta' Ġunju 2003 bejn l-UE u 78 pajjiż ta' l-Afrika, l-Karibew u l-Paċifiku (ACP) jistabbilixxi obbligi lill-firmatarji sabiex jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, li huma element essenzjali tal-Ftehim[22], u sabiex ikunu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni bbażati partikolarment fuq l-oriġini, s-sess, ir-razza, l-ilsien u r-reliġjon[23]. In-non-diskriminazzjoni hi s-suġġett tad-djalogu politiku regolari bejn l-UE u l-imsieħba ta' l-ACP[24].

---

21 http://europa.eu.int/comm/enlargement/financial_assistance.htm

22 L-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou.

23 L-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Cotonou.

24 L-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou.

Kwistjoniijiet ta' non-diskriminazzjoni, partikolarment is-sitwazzjoni tal-minoritajiet, huma frekwentement imqajma fid-djalogi ta' l-UE ma' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. L-appoġġ finanzjarju ta' l-UE għan-non-diskriminazzjoni u opportunitajiet ugwali hu disponibbli permezz ta' proġetti implimentati mill-NGOs u ogranizzazzjonijiet internazzjonali f'pajjiżi terzi permezz ta' l-Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll ċerti programmi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi fl-Asja, l-Amerka Latina, u r-reġjuni ta' l-ACP u l-MEDA.

L-UE se tfittex il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti, inkluż fin-NU, il-Kunsill ta' l-Ewropa u l-OSCE. Il-qafas ta' trattati internazzjonali u dikjarazzjonijiet li jitrattaw in-non-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet ugwali jifformaw qafas ta' referenza importanti għal xogħol li jkun għaddej fl-UE, kif ukoll għar-relazzjonijiet ta' l-Unjoni ma' pajjiżi terzi.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha rwol attiv fil-promozzjoni tal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni u opportunitajiet ugwali fi ħdan in-NU. Hija involuta b'mod attiv fl-insegwiment tal-Konferenza ta' Beijing ta' l-1995 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Tat kontribut fil-Konferenza Dinjija Kontra r-Razziżmu f'Durban fl-2001. Bħalissa qed tipparteċipa f'isem l-UE fin-negozjati rigward Konvenzjoni Ġdida tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni bid-Diżabbiltajiet. L-UE tappoġġa wkoll l-isforzi ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol sabiex tippromwovi aġenda ta' xogħol diċenti, li tinkludi prinċipji ta' ugwaljanza u non-diskriminazzjoni.

✓ Il-promozzjoni tan-non-diskriminazzjoni u opportunitajiet ugwali għal kulħadd fil-kuntest tat-tkabbir, kif ukoll relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi.

✓ Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bil-għan li tkun żgurata l-koerenza, l-kumplimentarità u diviżjoni ċara tax-xogħol.

4. KONKLUŻJONI

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi strateġija li tħares 'il quddiem sabiex tippromwovi n-non-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd fl-UE. Il-Kummissjoni se tippreżenta komunikazzjoni li titratta l-ugwaljanza bejn is-sessi f'aktar dettall fl-2006.

Parti ċentrali ta' din l-istrateġija hija l-iżgurar ta' protezzjoni legali effettiva kontra d-diskriminazzjoni madwar l-UE. Dan jinvolvi l-iżgurar ta' inseriment sħiħ tal-leġiżlazzjoni anti-diskriminazzjoni tal-KE mill-Istati Membri kollha. Dan jeħtieġ firxa ta' miżuri kumplimentari, partikolarment sabiex ikun żgurat li n-nies huma konxji tad-drittijiet tagħhom u li jkollhom aċċess għall-ġustizzja.

Barra l-protezzjoni legali ta' drittijiet individwali, din il-Komunikazzjoni tistipula strateġija għall-promozzjoni pożittiva u attiva tan-non-diskriminazzjoni u opportunitajiet ugwali għal kulħadd. L-implimentazzjoni effettiva ta' din l-istrateġija se tfisser avvanz fuq front wiesa', bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha relevanti kif ukoll tal-pubbliku ġenerali. Dan il-metodu l-ġdid hu rifless fil-proposti, li jakkumpanjaw din il-Komunikazzjoni, sabiex is-sena 2007 tinħatar is-Sena Ewropea tad-Drittijiet Ugwali għal Kulħadd.

Il-qafas ta' strateġija u l-inizjattivi varji stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni se jkunu suġġetti għal monitorjar u evalwazzjoni kontinwi mis-servizzi relevanti tal-Komunità. Se jkunu organizzati laqgħat fuq bażi ta' kull sentejn mar-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet nazzjonali, korpi ta' ugwaljanza speċjalizzati, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, imsieħba soċjali u partijiet interessati oħra sabiex jittieħdu l-opinjonijiet tagħhom dwar il-progress ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija. In-netwerk ta' esperti legali ffinanzjati permezz tal-

programm ta' azzjoni tal-Komunità sabiex jikkumbatti d-diskriminazzjoni se jkompli jagħmel monitorjar ta' l-istat ta' l-inseriment u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni anti-diskriminazzjoni tal-KE. Evalwaturi esterni se jassessjaw ir-relevanza, l-effettività u l-impatt ta' l-azzjonijiet appoġġati permezz ta' programm ta' azzjoni tal-Komunità sabiex jikkumbatti d-diskriminazzjoni, il-programm futur PROGRESS u s-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd.